# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' April 2024**

**Rikors Nru: 25/2021**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Maria Fatima Vassallo (K.I. 285150(M)) u ghal kull interess ir-ragel ta' Maria Fatima Vassallo u cjoe' John Vassallo (K.I. 390646(M))**

**vs**

**Amanda Scicluna (K.I. 134379(M))**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 11 ta' Frar 2021[1] flimkien mad-dokumenti hemm annessi fejn, *ad litteram*, ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi r-rikorrenti Maria Fatima Vassallo hija sid il-fond 15 "The Stars" Flat 4, Triq Alessandru, Birzebbugia liema fond gie ghandha mill-wirt ta' missierha;*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess

2. *Illi r-rikorrenti kienet tikri l-fond mertu tal-kawza permezz ta' skrittura ta' kera datat l-1 ta' Novembru 2015 li kopja tieghu qieghed jigi anness bhala **dok GMFV 1.** Illi l-kirja skond l-iskrittura kellu jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2018; skond klawsola ittra (n) fl-istess ftehim ta' kera;*

3. *Illi l-intimata fis-sentenza tat-18 ta' Settembru 2019 fl-ismijiet Mary Fatima Vassallo et vs Amanda Scicluna deċiża mill-Bord Li Jirregola l-Kera ppresudta mill-Onor Maġistrata Simone Grech LLD, (Rik nru. 143/19 SG) iddikjara is-sentenza **dok GMFV 2,** li ġiet terminata l-kirja ta' 1 ta' Novembru 2015, u ordnat li l-intimata tivvaka u tiżgombra mill-fond 15 Flat 4, The Stars, Triq Alessandru, Birzebbugia.*

4. *Illi fil-mori u ftit qabel is-sentenza dok GMFV 2, Amanda Scicluna raddet kura c-cwievetr tal-fond tal-atturi;*

5. *Illi pero' kien ghad baqa' l-pretensjoni tal-hlas tal-arretrati tal-kera, kif ukoll il-hlas tal-kera u konsum tal-meters tad-dawl u ilma kif ukoll hlas ghal danni li gew ikkaġunati fil-fond waqt il-kirja fejn il-post gie ritornat lura ghand l-atturi fi stat pjetuz.*

6. *Illi r-rikorrenti baghtet ittra uffiċjali nhar il-24 ta' Gunju 2020 li kopja tieghu qieghda tiġi annessa ma dan ir-rikors bhala **dok GMFV 3** u bir-riferta datata l-4 ta' Lulju 2020.*

7. *Ghaldaqstant, ir-rikorrenti konjugi Vassallo jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord –*

1. *Tiddikjara li l-intimata ghandha thallas ghall-arretrati tal-kera tal-fond 15, 'The Stars' Flat 4 Triq Alessandro Birzebbugia, tali naqset thallas dak*

*dovut minnha ghal-perijodu minn Novembru 2018 sa Settembru 2019 u/jew data verjuri;*

2. *Tiddikjara li l-intimata ghandha thallas ghall-arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma tal-fond 15 The Stars Flat 4, Triq Alessandru Biorzebbugia mill-04 ta' Ottubru 2018 sat-18 ta' Settembru 2019 (meta raddet ic-cavetta lura lill-atturi).*

3. *Tillikwida dawk id-danni li gew nkorsi u sofferti mill-atturi tal-hsarat kaġunati mill-intimata;*

*Bl-ispejjez inkluż ta' l-ittra uffiċjali u tal-mandat kawtelatorju jekk ikun il-kaz.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif qabel impoġġi tat-3 ta' Marzu 2021[2].

Ra r-risposta tal-intimata mressqa fl-20 ta' April 2021[3] fejn ġie eċċepit hekk:

1. *Illi, in linea preliminari, qeghda tigi eccepita l-irritwalita' tar-rikors odjern stante li l-atturi ma talbux l-awtorita' sabiex jipprocedu bil-medjazzjoni fic-Centru tal-Medjazzjoni Malta skont il-Ligi;*

2. *Illi tirrespingi t-talbiet tal-intimati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt*

3. *Illi, minghajr pregudizzju, l-intimata kienet hallset depozitu lill-atturi, liema depozitu ma nghatax lura lill-intimata;*

[2] A fol 11 tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti reklamati mill-atturi m'humiex dovuti stante li l-intimata kienet halliet warajha effetti u mobbli ta' valur, liema effetti u mobbli nzammu mill-atturi.*

*Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu fi stadju ulterjuri.*

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2021[4] quddiem dan il-Bord kif qabel impoġġi fejn **ġiet irtirata l-ewwel eċċezzjoni.**

Ra l-affidavit tar-rikorrent John Vassallo u x-xhieda ta' Reuben Bonnici rappreżentant ta' ARMS Limited[5].

Ra l-affidavit tal-intimata (u Roderick Gatt), mressaq fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022[6].

Ra x-xhieda in kontro-eżami ta' John Vassallo, mwettaq fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022[7] u l-affidavit ta' Ailey Gatt[8].

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[9].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[10].

---

[4] A fol 17 tal-proċess.
[5] Xhieda relattiva magħmula fit-8 ta' Novembru 2021 u tibda a fol 23 tal-proċess.
[6] A fol 57 tal-proċess.
[7] Dan jibda a fol 59A tal-proċess. (Għal xi raġuni, dan ġie traskritt darbtejn).
[8] A fol 60 tal-proċess.
[9] A fol 62 tal-proċess.
[10] A fol 63 *et seq* tal-proċess.

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-intimata[11].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, mressqa fit-22 ta' Novembru 2023[12].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimata, mressqa fit-22 ta' Jannar 2024[13].

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-7 ta' Frar 2024[14], fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi in suċċint ix-xhieda u l-provi kienu dawn li jsegwu:

Illi xehed ir-rikorrent John Vassallo. Permezz t'affidavit[15]. Jispjega li permezz ta' ftehim datat 1 ta' Novembru 2015 il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ġie konċess b'kirja lil Amanda Scicluna versu kirja ta' mija u tmenin Ewro fix-xahar. Il-Kirja kienet valida għal tlett snin u b'hekk kellha tiskadi fit-31 ta' Ottubru 2018. Wara din id-data, l-intimat baqgħet tokkupa l-fond tant li kellha ssir kawża għal żgumbrament. Kien biss fil-mori ta' dik l-ewwel kawża, skond hu fit-13 ta' Awwissu 2019, fejn iċ-ċwievet ġew ritornati. Din il-kawża qiegħda ssir propju sabiex l-intimata tħallas għal dak il-perjodu żejjed li għamlet fil-fond kif ukoll għal-kontijiet tad-dawl u ilma fl-istess perjodu. Fl-24 ta' Ġunju 2020 kienet ukoll intbagħtet ittra uffiċjali għall-ammont mitlub iżda l-intimata baqgħet ma ħallsitx. Jgħid ukoll li sabu xi affarijiet imkissra bħas-sink tal-kamra tal-banju u l-ħġieġa

[11] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2023 u tibda a fol 71 tal-proċess.
[12] Din tibda a fol 76 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol 87 *et seq* tal-proċess.
[14] A fol 91 tal-proċess.
[15] Dan jibda a fol 78 tal-proċess.

tal-gallarija, kif ukoll li kien hemm ċilindru tal-gas nieqes. Jagħlaq billi jgħid li d-depożitu ma jistax jagħmel tajjeb għal dawn l-arretrati. Finalment, jgħid li l-intimata ma ħalliet xejn ta' valur u l-post kien f'telqa totali. Ġiet annessa dokumentazzjoni.

Illi in kontro-eżami[16] jgħid li mhux minnu li l-intimata baqgħet fil-fond wara l-iskadenza bil-volontà tiegħu, tant li kellha ssir l-ewwel kawża sabiex l-appartament jiġi ritornat. Dwar is-sink jgħid li kienet l-intimata li biddlet l-ewwel wieħed wara li damet snin tużah, u l-ġdid li ħalliet fil-post kien miksur. Dwar iċ-ċilindru tal-gass jgħid li dan ma kienx jinżamm fil-komun, iżda kien aċċessibbli biss mill-appartament.

Illi xehed ukoll Reuben Bonnici li eżebixxa l-kontijiet tad-dawl u ilma għal-perjodu relattiv.

Illi xehdu wkoll Amanda Scicluna u Roderick Gatt. Fl-affidavit konġunt tagħhom[17], jispjegaw li għalkemm il-kirja t'għajjat biss lill-intimat, fil-fatt kienu jgħixu flimkien. Jgħidu li sar ħafna xogħol fil-fond u li żammewh sew. Dwar is-sink jgħid li dak kien biddlu hu għaliex ta' qabel ma kienx tajjeb. Jgħidu li saru diversi xogħolijiet li baqgħu fil-fond. Jgħidu li ma sar l-ebda dannu fl-aluminium. Jgħidu wkoll li qatt ma tħallew japplikaw għas-sussidju tal-kera. Jgħidu li kienu telqu mill-fond f'Diċembru 2018 u mbagħad bdew iġorru l-affarijiet u li r-rikorrenti ma riedux kera għal dak il-perjodu. Jagħlqu li issa r-rikorrenti qiegħdin imorru lura mill-kelma tagħhom.

[16] Dan jibda a fol 59A tal-proċess.
[17] Dan jibda a fol 57 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[18], Amanda Scicluna tikkonferma li l-kera kellha tispiċċa fl-aħħar ta' Ottubru 2018. Tikkonferma li telqet mill-fond f'Diċembru 2018 għaliex kellha bżonn iġorr l-affarijiet. Tikkonferma però li ċ-ċwievet baqgħu fil-pussess tagħha u li dawn intraddu lura f'Settembru tas-sena 2019. Tikkonferma li John Vassallo informaha li kien qiegħed jippretendi l-ħlas tal-kera. Tgħid li r-rikorrenti ma tagħtix ċans tiegħu l-affarijiet tagħha. Tgħid li bejn Diċembru 2018 u Settembru 2019, ma kellhiex biżżejjed ċans tneħħi l-affarijiet tagħha.

Illi xehdet ukoll Ailey Gatt. Fl-affidavit tagħha[19] tgħid li hija tiġi bint l-intimata u Roderick Gatt u li wkoll kienet residenti fil-fond in kwistjoni. Tgħid li huma ħarġu mill-fond f'Diċembru 2018 u li John Vassallo kien qalilhom li ma riedx aktar kera.

**Mertu**

Illi bħala daħla qasira, huwa mifhum li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitu tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[20]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-ħlas[21].

[18] Dan jibda a fol 71 tal-proċess.
[19] A fol 60 tal-proċess.
[20] Fost oħrajn, il-Bord jissenjala dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023.
[21] Fost oħrajn, il-Bord jissenjala dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbarba,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024.

Illi mbagħad, għal dak li jolqot l-aspett legali prinċipali tal-proċeduri odjerni, huwa bi prinċipju huwa aċċettat li min jżomm f'idejħ u juża ħwejjeġ ħadt ieħor mingħajr titolu, irid iħallas għall-istess. Għalhekk sid jista' jitlob kumpens għaż-żmien li ġid tiegħu kien baqa' hekk miżmum minn ħaddieħor mingħajr jedd[22]. Huwa wkoll aċċettat li l-ammont li għandu jitħallas għal tali okkupazzjoni jista' jiġi maħdum jew il-kirja kif kienet immedjatament qabel dik l-okkupazzjoni[23] jew skond dak li wieħed seta' jġib fis-suq. F'din l-aħħar ipoteżi però, iridu jidħlu u jiġu maħduma prinċipju oħra, u ċioé li min jagħmel dik it-tip ta' talba irid juri dak it-telf[24].

Illi applikat dan għal-fatti ta' dan il-każ, huwa ċar f'għajnejn il-Bord li r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw l-azzjoni tagħhom b'mod komplet.

Illi minħabba li l-intimata żammet iċ-ċwievet fil-pussess tagħha ferm wara t-terminu tal-kirja, u li dawn intraddew lura biss wara l-ftuħ tal-proċeduri preċedenti, lil'hemm mid-dubbji li tipprova toħloq dwar l-użu tal-appartament

---

[22] Kif reġa ġie mfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Azzopardi *pro et noe* vs Carmelo Borg et,** (Rik Nru: 182/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Mejju 2023 u ċioé: *"Tajjeb jiġi osservat li fil-kwistjonijiet ta' kumpens għall-okkupazzjoni ta' proprjetà, huwa aċċettat li min jokkupa jew iżomm għandu ġid ta' ħaddieħor bla jedd, irid jagħmel tajjeb għad-danni li jġib b'għemilu. Il-qies ta' kumpens ta' telf ta' użu ta' fond li jibqa' jinżamm minn xi ħadd mingħajr jedd, il-kriterju li s-soltu jittieħed huwa dak imsejjes fuq il-valur lokatizju tal-post li jkun jew, fuq il-kera li kienet titħallas minnufih qabel intemmet il-kirja".*

[23] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Olivieri *et* vs Francis Ronald Edward Vella *et*,** (Ċit Nru: 322/1995/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Novembru 2003 (mhux appellata).

[24] Fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Helen *sive* Nellie Miceli *et* vs Carmelo *sive* Charles Pisani,** (Ċit Nru: 1761/2001/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Diċembru 2004 (mhux appellata) fejn intqal hekk: *"Huwa minnu li sid li jitlob kumpens għaż-żmien li ġid tiegħu kien baqa' miżmum minn ħaddieħor mingħajr jedd ġeneralment jitlob kumpens li jista' jitqabbel mal-kera li sata' baqa' jirċievi kieku l-post kien effettivament mikri. Iżda dan m'huwiex il-kriterju waħdieni. F'qasam bħal dan, irid ikun hemm "rabta reali" mal-ammont ta' kumpens mistħoqq u żġur m'hemmx lok għal spekulazzjonijiet dwar x'sata' ġara mill-post jew kemm kien ikun il-kera xieraq bil-prezz li jġib is-suq".*

f'dak il-perjodu jew le, l-intimata għandha tħallas għall-istess[25]. F'ċirkostanzi bħal dawn, din l-okkupazzjoni għandha tiġi mħaddma fuq il-kera miftehma (u mhux fuq xi ammont akbar li jista' jġib is-suq), kif wara kollox qiegħda titlob ir-rikorrenti[26]. Rispettosamnet, l-intimata kellha altru milli biżżejjed opportunità li tara l-affarijiet tagħha, ċertament f'kważi sena, setgħet teħles mill-pussess tal-fond u mhux tagħmel hekk biss wara li jinfetħu proċeduri appożiti. Huwa ċar għal dan il-Bord li l-intimata qiegħda sempliċiment iġġib kull skuża sabiex ma tħallasx dak li huwa legalment (u issa ġudizzjarjament) dovut.

Illi għalkemm John Vassallo jixhed li ċ-ċwievet ġew ritornati f'Awwissu 2019, huwa ċar li dan huwa żball għaliex kif joħroġ minn qari tas-sentenza preċedenti[27], li l-intimata rritornat iċ-ċwievet biss waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2019. B'hekk, bl-applikazzjoni ta' dak li ngħad hawn fuq, l-intimata għandha tħallas għal din l-okkupazzjoni tagħha bir-rata kif miftehma. B'hekk l-intimata għandha tħallas l-ammont ta' elf, disgħa mija u tmenin Ewro (€1,980)[28].

---

[25] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Paul Borg f'ismu proprio u f'isem Joseph Borg and Sons vs Michael Stivala**, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn intqal; "*Dwar l-arretrati ta' kera mitluba, jirrizulta li fil-fatt il-konvenut ghandu jaghti arretrati ta' kera, izda hu qed jippretendi li l-lokazzjoni spiccat f'Lulju 1995 meta hu offra l-post lill-attur. Jirrizulta pero' li l-attur m'accettax li jiehu lura l-post qabel ma l-lkonvenut jissetilja l-kontijiet li kellu pendenti, fosthom tal-kera. Meta gara hekk il-konvenut minflok ma ha l-passi legali (eg jiddepozita c-cwievet il-Qorti) biex jissalvagwardja l-posizzjoni tieghu, hu zamm ic-cwievet ghandu, u eventwalment dawn anke gew misplaced, u ghalhekk legalment il-konvenut baqa' filpussess tal-post u l-kirja baqghet in vigore. Inoltre jirrizulta li lkonvenut kien gie interpellat diversi drabi biex ihallas (ara ittri fol 32) u anke saret kawza kontra tieghu, li hu ma kkontestax. F'dika l-kawza l-konvenut kien inghata sa Lulju 1996 biex ihallas (ara ittri fol 32) u anke saret kawza kontra tieghu, li hu ma kkontestax. F'dika l-kawza l-konvenut kien inghata sa Lulju 1996 biex jizgombra. Kien biss f'Novembru 1996 li l-konvenut informa lill-attur tramite l-avukat tieghu li ma jsib ebda oggezzjoni li dan jiehu lura l-fond (ara fol 27).*"

[26] Ara nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

[27] Dik fl-istess ismijiet bin-numru 143/2019, deċiża minn dan il-Bord kif hemm presedut nhar it-18 ta' Settembru 2019 u li tinsab eżebita a fol 4 sa 6 tal-proċess.

[28] Kalkolat bl-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180) fix-xahar għal ħdax il-xahar.

Illi l-istess jingħad għal konsum tad-dawl u ilma, billi dan seħħ biss bl-okkupazzjoni tagħha fil-fond u ta' ħadt ieħor. L-ammont dovut u ppruvat[29] huwa dak ta' mitejn, ħamsa u għoxrin Ewro u tlettax il-ċenteżmu (€225.13ċ)[30].

Illi dwar id-danni mitluba rigwardanti l-ħsarat, huwa minnu li ma ġewx imressqa dokument bħal rċevuti jew fatturi tal-ammont mitlub. Madanakollu, l-Bord isib li l-ammont mitlub, għad-danni mitluba (u murija wkoll f'ritratti eżebiti) huwa wieħed minimu u ġustifikat fiċ-ċirkostanzi. B'hekk anke *ex aqueo et bono*[31] l-ammont ta' mija u għoxrin Ewro (€120) għandu jitħallas.

Illi b'mod konkludorju mbagħad, il-Bord jissenjala li ma huwa xejn sodisfatt bil-mod ta' kif ġie redatt affidavit konġunt bejn l-intimata u Roderick Gatt (li lanqas biss huwa parti f'dawn il-proċeduri[32]) bħallikieku dawn telgħu fuq il-pedana tax-xhieda simultanjament, fl-istess ħin, u lissnu l-istess xhieda kelma b'kelma[33]. Tassew, dan m'huwiex mod xieraq kif jitressqu provi.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddeċiedi din il-vertenza billi:

---

[29] Ara dokumentazzjoni mressqa minn Reuben Bonnici.

[30] Mhux l-ammont indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti għaliex dak l-ammont jinkludi wkoll bilanċi ta' qabel, allura minn flok il-konsum tal-perjodu rilevanti, reġa ġie kkalkulat l-ammont bilanċjali doppjament diversi drabi. Mill-atti jirriżulta li ħlasijiet waqfu f'Diċembru 2018 u allura l-ammont għandu jiġi maħdum minn dik id-data. Dan hekk jagħmel sens għaliex anke l-ittra uffiċjali mibgħuta fil-24 ta' Ġunju 2020 issemmi ċifra qrib ferm ta' dan l-ammont (€220) u mhux l-ammont indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet.

[31] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo et**, (Rik Nru: 523/1983/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il31 ta' Ottubru 2003 fejn ġie mfakkar hekk: *"fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat ex aequo et bono mill-gudikant".*

[32] Li kieku x-xhieda ta' Amanda Scicluna ngħatat *viva voce*, ix-xhud l-ieħor Roderick Gatt kien ikollu joqgħod barra mill-awla waqt dik it-testimonjanza kif irid l-artikolu 591 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[33] Ara dak senjalat fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Zammit vs Joseph Zammit *et*,** (Ċit Nru: 658/1998) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002 u dik fl-ismijiet inversi **Joseph Zammit *et* vs Paul Zammit,** (Ċit Nru: 1667/1998/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ottubru 2004.

1) Jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimata[34].
2) Jilqa' l-ewwel talba u b'hekk jordna li l-intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, disa' mija u tmenin Ewro (€1,980) bl-imgħax legali mill-4 ta' Lulju 2020[35] sad-data tal-pagament effettiv.
3) Jilqa' t-tieni talba u b'hekk jordna li l-intimata tħallas l-ammont ta' mitejn, ħamsa u għoxrin Ewro u tlettax il-ċenteżmu (€225.13ċ) bl-imgħax legali mill-4 ta' Lulju 2020[36] sad-data tal-pagament effettiv.
4) Jilqa' t-tielet talba u b'hekk jordna li l-intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u għoxrin (€120) bl-imgħax legali mill-4 ta' Lulju 2020[37] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali li tinsab a fol 8 tal-proċess u ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-intimata.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[34] Jerġa jiġi mfakkar li l-ewwel eċċezzjoni ġiet rtirata.
[35] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali.
[36] *Ibid* notament 35.
[37] Huwa minnu li dan l-ammont qiegħed jingħata fil-forma ta' danni, iżda l-istess ammont kien diġà ben indikat fl-ittra uffiċjali annessa mar-rikors promotur u b'hekk l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-istess ittra.